MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 146/1989/2

**Cecil Pace u Henry Pace f'isimhom proprju u Cecil Pace bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' M.I.D.C. Limited**

**vs**

**Emanuel A. Bonello f' ismu proprju u bhala Kontrollur u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Malta & Europe Hotels Limited u bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanza ta' GHE Limited u b'dikriet tas-7 ta' Ottubru 1996 gie kjamat in kwaza Dottor Michele Martone u b'nota tal-24 ta' Jannar 2003, Raymond Gatt bhala wiehed mill-partners ta' "Gatt, Galea & Co" assuma l-atti ta' din il-kawza minflok Emanuel A. Bonello nomine**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi l-atturi Cecil Pace u Henry Pace huma azzjonisti u kredituri tas-socjeta' attrici M.I.D.C. Limited li taghha l-attur Cecil Pace huwa wkoll direttur.

Illi fil-15 ta' Novembru 1972 is-socjeta' attrici M.I.D.C. Limited akkwistat zewg ishma ordinarji ta' hamsin lira Maltin (Lm50) kull wiehed enumerati 1133 u 1134 fis-socjeta' Malta & Europe Hotels Limited minghand l-Avukat Dottor Anthony H. Farrugia bhala prokuratur u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Anthony Borg ta' Church Street, Abottsville, Melbourne, Australia, ghall-prezz totali ta' Lm300.

Illi fit-2 ta' Dicembru 1970 l-attur Cecil Pace nomine dahal f'kuntratt ta' xiri ta' 51% tal-ishma fis-socjeta' Malta & Europe Hotels Limited minghand Dottor Antonio Ghidoli ta' 154, Corso Vittorio Emmanuele, Roma u Dottoressa delle Piane.

Illi fil-kuntratt fuq imsemmi il-bejjiegha Dottor Antonio Ghidoli u Dottoressa Nada delle Piane obbligaw ruhhom illi jzommu l-ishma kollha taghhom imsemmija liberi u franki u mehlusa minn kwalsiasi pis, penju, rahan, garanzija u obbligazzjoni ohra mid-data ta' dan il-kuntratt.

Illi it-trasferiment ta' dawn l-ishma kellu jsir meta titlesta il-lukanda Grand Hotel Excelsior u is-socjeta' Pabros Limited tibda bil-kirja u operazzjoni tal-istess lukanda skond il-kuntratt ta' kiri ta' din il-lukanda tal-istess data, u cioe' tat-2 ta' Dicembru, 1970.

Illi fil-1969 l-atturi Cecil Pace u Henry Pace bhala diretturi u in rapprezentanza tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited avvanzaw madwar mija u hamsin elf lira (Lm150,000) bhala overdraft lis-socjeta' Malta & Europe Hotels Limited wara li gew mitluba minn Dottor Antonio Ghidoli u l-Avukat Dottor G.M. Camilleri azzjonisti

u diretturi tal-istess socjeta’ ghall parti mil-kostruzzjoni tal-Grand Hotel Excelsior.

Illi fil-1970 is-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited giet iffaccjata bi proceduri ghall-falliment migjuba minn Gus Export International Limited, u ghalhekk Dottor Antonio Ghidoli u id-diretturi kollha tas-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited, wara illi kienu gew rifjutati mill-Barclays Bank D.C.O. u mill-Malta Development Corporations kemm ukoll minn National Bank of Malta u finanzjaturi u kummercjanti ohra, u meta ma sabu hadd aktar li kien lest biex jidhol ghal din il-bicca xoghol, talbu lill-atturi Cecil Pace u Henry Pace u waslu fi ftehim maghhom biex jixtru il-kreditu tal-Gus Export International Limited u b’ hekk jwaqqfu il-proceduri tal-falliment u permezz tas-socjetajiet ohrajn tal-atturi, fosthom Finindustry Limited, javvanzaw aktar flus biex jithallsu xi kredituri ohra pressanti u tigi kompletata il-kostruzzjoni u l-arredament tal-lukanda Grand Hotel Excelsior u separatament biex socjeta’ ohra taghhom dak iz-zmien Pabros Limited tiehu il-lukanda b’kiri ghaz-zmien kollu tal-enfitewsi temporanea ta’ madwar mija u hamsin sena, u biex l-atturi permezz ta’ socjeta’ ohra taghhom jakkwistaw l-ishma kollha ta’ Dottor Antonio Ghidoli u Dottoressa Nada delle Piane li kienu jirrapprezentaw 51% tal-ishma fil-Malta & Europe Hotels Limited.

Illi l-atturi Cecil Pace u Henry Pace personalment kif ukoll il-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited u kumpanniji ohrajn taghhom assocjati fil-fatt avvanzaw madwar disgha mitt elf liri Maltin (Lm900,000) li illum bl-imghax jammontaw ghal-madwar miljun u tmien mitt elf liri Maltin (Lm1,800,000), u cioe’ ferm aktar mill-ammonti kuntrattati ghal kostruzzjoni u arredament tal-Grand Hotel Excelsior.

Illi fit-18 ta’ April 1969 Dottor Antonio Ghidoli u Dottoressa Nada delle Piane kienu ghamlu ftehim ma’ Sir Charles Forte ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Forte’s Holdings Limited tal-Ingilterra u tal-Holtours Limited ta’ Malta biex ibieghu u jittrasferixxu l-ishma kollha taghhom fis-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited li dak iz-zmien kienu

ekwivalenti ghal 86% tal-ishma kollha ghal prezz ta' Lm1,200,000.

Illi is-socjeta' Forte (Malta) Limited xtrat fil-1969 minghand Dottor Antonio Ghidoli u Dottoressa Nada delle Piane 6257 ishma biss f'din is-socjeta' u ma onorawx l-obbligu taghhom li jixtru il-kumplament tal-ishma ghalkemm interpellati diversi drabi.

Illi fil-25 ta' Frar 1972 l-attur Cecil Pace proprio et nomine ghamel kuntratt gdid ghax-xiri tal-ishma kollha ta' Dottor Antonio Ghidoli u Dottoressa Nada delle Piane fis-socjeta' Malta & Europe Hotels Limited li ghalihom thallas il-prezz miftiehm skond l-ircevuta moghtija mal-istess kuntrat.

Illi il-bejjiegha Dottor Antonio Ghidoli u Dottoressa Nada delle Piane obbligaw ruhom illi jaghtu direttivi irrevokabbli lis-socjeta' Malta & Europe Hotels Limited biex din is-socjeta' ma' tkunx tista' tirregistra ix-xiri ta' dawn l-ishma lill-ebda persuna jew socjeta' minghajr il-kunsens bil-miktub tal-attur nomine.

Illi fil-25 ta' Frar 1972, l-istess data tal-kuntratt il-gdid ta' bejgh ta' shares lill-attur Cecil Pace nomine, il-lukanda Grand Hotel Excelsior giet ikkonsenjata lis-socjeta' l-ohra Pabros Limited dak iz-zmien tal-atturi Cecil u Henry Pace u bdiet issehh il-lokazzjoni tal-lukanda imsemmija.

Illi Dottor Antonio Ghidoli u Dottoressa Nada delle Piane iddikjaraw f'dan il-kuntratt li kienu gia' ikkonsenjaw lill-attur nomine s-share transfers kif ukoll uhud mis-share certificates relattivi u obbligaw ruhhom li jikkonsenjaw il-kumplament tas-share certificates taghhom fi zmien xahar min dan il-kuntratt.

Illi fis-7 ta' April 1970 u fit-18 ta' Gunju 1970 Dottor Antonio Ghidoli u Dottoressa Nada delle Piane kienu ikkonsennaw is-share certificates taghhom fis-socjeta' Malta & Europe Hotels Limited inklus share certificate Number 251 ghal 630 ishma f'isem Dottoressa Nada delle Piane lil Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited biex jaghmlu tajjeb bhala garanzija ghall-ammonti

dovuti lil Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited mil-Malta & Europe Hotels Limited, liema share certificates kellhom jigu ritornati malli jigu imhallsa l-ammonti dovuti lil Bank u cioe’ sal-31 ta’ Ottubru 1970.

Illi fit-2 ta’ Dicembru 1970 il-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited irritornaw is-share certificates li kienu qed jaghmlu tajjeb bhala garanzija ghal flus dovuti mill-Malta & Europe Hotels Limited satnte illi is-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited fl-istess jum taghat lil-Bank ipoteka fuq il-proprjeta’ immobli taghha u cioe’ fuq il-lukanda Grand Hotel Excelsior.

Illi Dottor Antonio Ghidoli kien ikkonsenja l-parti l-kbira tas-share certificates lill-attur Cecil Pace li zammhom fis-safe tal-Bank tieghu ghas-sikurezza.

Illi permezz tas-share transfers bid-data tal-15 ta’ Novembru 1972 gew trasferiti lill-attur Cecil Pace nomine 4612 ishma ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) kull wiehed, ekwivalenti ghal mitejn tletin elf u sitt mitt lira Maltin (Lm230,600) proprjeta’ ta’ Dottor Antonio Ghidoli u 4611 ishma ta’ hamsin lira (Lm50) kull wiehed, ekwivalenti ghal mitejn u tletin elf hames mija u hamsin liri Maltin (Lm230,550) proprjeta’ ta’ Dottoressa Nada delle Piane li jammontaw ghal valur totali nominali ta’ erba’ mija wiehed u sittin elf u mija u hamsin liri Maltin (Lm461,150).

Illi nonostante illi wiehed minn dawn is-share transfers huwa iffirmat minn Dottor M. Martone u iehor minn Valerio Bertelli bhala xhieda, jirrizulta illi Dottor M. Martone recentement allega illi kien huwa stess li kien xtara l-ishma kollha ta’ Dottor Antonio Ghidoli u Dottoressa Nada delle Piane u mhux l-attur nomine.

Illi il-Ministru tal-Finanzi gie moghti mill-attur nomine kopji tas-share transfers relattivi a favur is-socjeta’ attrici li taghha Emanuel A. Bonello huwa il-kontrollur biex jghaddihom lil-Emanuel A. Bonello bhala kontrollur tal-Malta & Europe Hotels Limited biex jigu formalment registrati it-trasferiment ta’ dawn l-ishma a favur is-socjeta’ attrici.

Illi fl-Interim Report rigward il-kumpanniji assocjati mal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited ghall-perijodu ta’ 25 ta’ Novembru 1972 sal-31 ta’ Lulju 1988 li kopja tieghu gie pprezentat fil-Kamra tar-Rapprezentanti fis-6 ta’ Frar 1989 il-kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u tal-Malta & Europe Hotels Limited, Emanuel A. Bonello minflok ma irrikonoxxa t-trasferiment tal-ishma imsemmija lis-socjeta’ attrici ghogbu jghid illi Dottor Michele Martone akkwista 9211 ishma fil-4 ta’ Novembru 1988.

Illi huwa car u manifest illi Dottor M. Martone ma setgha qatt jixtri l-ishma minghand Dottor Antonio Ghidoli u Dottoressa Nada delle Piane meta dawn l-ishma kienu gia’ l-proprjeta’ tal-attur Cecil Pace nomine.

Illi dan l-agir irresponsabbli, abbuziv u illegali ta’ Emanuel A. Bonello qieghed jikkaguna danni kbar ta’ madwar miljun lira Maltin (Lm1,000,000) lill-atturi u lil-kredituri taghhom kif ukoll lis-socjeta’ attrici u lid-depozitanti u kredituri tal-istess Bank li taghha Emanuel A. Bonello huwa il-kontrollur u ghalhekk ghandu id-dmir illi jittutela u jissalvagwardja l-interessi kollha tad-depozitanti, kredituri u azzjonisti kemm tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited kif ukoll tas-socjeta’ attrici li taghha huwa ukoll il-kontrollur, kif ukoll direttur tas-socjeta’ GHE Limited sussidjarja ta’ Malta & Europe Hotels Limited.

Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi deciz u ddikjarat li is-socjeta’ attrici hija il-proprjeatrja tal-9223 ishma kollha ta’ hamsin lira kull wiehed (Lm50) fis-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited li gew trasferiti lilha minghand Dottor Antonio Ghidoli u Dottoressa Nada delle Piane u li jigi ordnat lill-konvenut proprio et nomine biex jirregistera l-ishma fuq imsemmija fis-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited a favur is-socjeta’ attrici M.I.D.C. Limited a tenur tal-Ordinanza tal-1962 Dwar Socjetajiet Kummercjali (Ordinanza X ta’ 1962). Inoltre l-atturi qed jitlobu li l-konvenut proprio et nomine jigi dikjarat li hu responsabbli ghad-danni kollha kagunati lill-atturi proprio et nomine minhabba l-agir irresponsabbli, abbuziv u illegali tieghu

talli iddikjara illi Dottor Michele Martone u mhux is-socjeta' attrici kien akkwista 9211 ishma ta' hamsin lira Maltin (Lm50) kull wiehed fuq imsemmija fis-socjeta' Malta & Europe Hotels Limited minghand Dottor Antonio Ghidoli u Dottoressa Nada delle Piane liema danni jigu likwidati f'gudizzju separat.

Minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha spettanti lill-atturi proprio et nomine.

Bl-ispejjes kontra il-konvenut proprio et nomine li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi Cecil Pace u Henry Pace proprio et nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine fejn gie eccepit:-

1. Illi jirrizultax jew le li is-socjeta' attrici hija azzjonista fis-socjeta konvenuta Malta & Europe Hotels Limited ghandha tigi decisa mill-azzjonisti tal-istess socjeta u mhux mill-Qorti – dan skond l-Istatut tal-istess socjeta. Isegwi ghalhekk, bir-rispett kollu, illi din il-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha dwar din it-talba attrici stante li din hija materja socjali li tohrog mill-ambitu tal-Qorti kompletament.

2. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess illi it-talbiet attrici in kwantu huma diretti kontra l-esponenti personalment ma jistghux ireggu stante li kull ma ghamel l-esponenti ghamlu fil-kapacita tieghu ta' kontrollur u kwindi personalment ma jista' qatt jigi ikkundannat jghamel xi haga, u/jew li ikun responsabbli ghad-danni.

3. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess illi id-domandi attrici in kwantu huma diretti mill-atturi personalment ma jistghux ireggu stante illi l-atturi personalment la qatt kienu u lanqas huma azzjonisti tas-socjetajiet konvenuti u tas-socjeta attrici. Lanqas ma huwa minnu illi Cecil Pace huwa direttur tas-socjeta attrici.

In ogni caso, dato ma non concesso illi Cecil Pace hu direttur tas-socjeta’ attrici, ir-rappresentanza tas-socjeta attrici tinvesti BISS skond il-ligi fil-kontrollur u kwindi Cecil Pace ma ghandux ir-rappresentanza guridika tas-socjeta. Ghalhekk isegwi illi it-talbiet attrici kif u minn min proposti ma jsitghux ireggu, u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.

4. Bla pregudizzju ghall-premess, dato ma non concesso li din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tal-kawza presenti, it-talbiet attrici huma ghal kollox intempestivi stante li qabel ma jistghu jghamlu talba simili is-socjeta attrici trid tkun l-ewwel u qabel kollox gia registrata azzjonista tas-socjeta konvenuta Malta & Europe Hotels Limited almenu f’ share wiehed. Sallum is-socjeta’ M.I.D.C. Limited mhiex registrata bhala azzjonista tas-socjeta konvenuta u kwindi ma tista’ titlob qatt li tigi registrata shareholder tal-imsemmija azzjonijiet.

5. Bla pregudizzju ghall-premess dato ma non concesso illi l-atturi ghandhom id-dritt jitolbu dak li talbu allura tirrizulta in-necessita tal-kjamat in kawza tal-persuni li sallum ghadhom registrati bhala azzjonisti ta’ dawn il-shares stante li ma jistax jigi koncepit li jigu registrati l-atturi nomine flok dawk registrati sallum bhala shareholders tal-socjeta konvenuta minghajr dawn ma jkollhom ebda voce in capitolo.

6. Bla pregudizzju ghall-premess illi l-agir tal-konvenut mhux irresponsabbli, abbusiv u/jew illegali, anzi huwa konformi mal-ligi u ghaldaqstant ma jista’ qatt ikun tenut responsabbli ghad-danni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut proprio et nomine debitament konfermata bil-guament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta’ Ottubru 1996 fejn giet ordnata l-kjamata in kawza ta’ Michele Martone fuq it-talba tal-konvenut propio et nomine.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet presentata minn Dr. Mario Demarco bhala mandatarju tal-assenti Michele Martone u Massimiliano Matone kjamati fil-kawza. Il-kjamati fil-kawza eccipew li l-mertu ta' din il-kawza hu res judicata stante li l-kwestjoni ta' min hu t-titolari tal-azzjonijiet pretizi mill-atturi diga gie deciz u kkonfermat mill-appell fil-kawza "Herbert Baldacchino vs Cecil Pace et nomine (Citazzjoni numru 1707/93 deciza fil-25 ta' Frar 2000.

Semghat lil Dr. Anthony Farraugia msejjah mill-atturi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 2001 minn fejn jirrizulta li l-kjamati specifikaw li l-eccezzjoni taghhom tar-"res judicata" hi biss limitata ghal-ewwel zewg talbiet tal-atturi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kjamat fil-kawza Massimiliano Martone dwar l-eccezzjoni tal-"res judicata."

Rat in-nota ta' sotomissjonijiet responsiva tal-atturi propio et nomine.
Rat in-nota reponsiva tal-kjamat fil-kawza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi.

Rat ir-risposta tal-atturi ghan-nota responsiva tal-kjamat in kawza.

Rat in-nota tal-atturi propio et nomine fol.352.

Rat in-nota ulterjuri tal-atturi dwar l-eccezzjoni in kwestoni.

Rat in-nota responsiva tal-kjamat in causa.

Semghat it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza dwar l-eccezzjoni tar-"res judicata.

Ikkonsidat:-

**Fatti**

L-atturi jippretendu illi huma akkwistaw l-ishma maġġoritarji fis-soċjetà Malta and Europe Hotels Limited u dana mingħand certi Dottor Antonio Ghidoli u Nada delle Piane. Konsegwentement l-atturi qed jitolbu li jigu ddikjarati proprjeatrji ta’ 9223 ishma, kollha ta’ hamsin lira kull wiehed (Lm50) fis-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited.

Da parti tieghu l-kjamat in causa jeċepixxi fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni talba attriċi r-“res ġudikata” cioe’ li l-imsemmija talbiet gia’ gew decizi b’sentenza ohra li ghaddiet in gudikat.

In effett is-sottomiussjoni in kwestjoni tal-kjamati fil-kawza hi li l-mertu tal-ewwel żewġ talbiet gia ġie deċiż fil-kawża Ċitazzjoni numru 1707/1993 fl-ismijiet “Herbert Baldacchino bhala mandatarju ta’ l-assenti Massimiliano Martone vs. Cecil Pace u Henry Pace f’isimhom proprju u Cecil Pace bhala direttur u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ M.I.D.C. Limited u ghall-interess li jista’ jkollu Emmanuel E. Bonello bhala kontrollur tas-socjeta’ Malta and Europe Hotels Limited u in rappresentanza ta’ l-istess.”

Il-kjamati in causa jissottomettu ukoll li l-mertu tal-imsemmija kawza li giet deċiża mill-Qorti tal-Appell kien appuntu t-titolu tal-ishma li preċedentament kienu jappartjenu lil Antonio Ghidoli u Nadia delle Piane fis-soċjetà ‘Malta and Europe Hotels Limited’. Dawn l-ishma jagħmlu 51% tal-ishma fl-imsemmija soċjetà. Inoltre l-kjamat fil-kawża jgħid li l-ishma mertu ta’ din il-kawża huma l-istess ishma li kienu s-soġġett tal-imsemmija kawża l-oħra.

Illi da parti taghhom l-atturi proprio et nomine jgħidu illi fl-imsemmija kawza l-ohra u l-mertu kien il-mod kif Massimilliano Mertone akkwista l-ishma u mhux it-

trasferiment tagħhom, li hu l-mertu fil-kawża odjerna. Inoltre l-atturi proprio et nomine jissottomettu li l-mertu fil-kawża l-ohra kien dwar 9212 azzjoni ordinarja, mentri fil-kawża odjerna, in-numru ta’ ishma jammontaw għal 9223. Illi l-atturi proprio et nomine jsostnu ukoll li l-eċċezzjoni tar-res ġudikata għandha tiġi miċħuda għaliex il-persuna fil-kawża l-ohra gia’ deciza kien Massimilliano Mertone, filwaqt illi fil-kawża odjerna hemm persuna totalment differenti, li hija Michele Martone. Oltre dan l-atturi jissottomettu li fl-istess kawza l-ohra l-atturi ahwa Pace fil-kapaċità tagħhom personali, filwaqt illi fil-kawża odjerna qiegħed l-attuir Cecil Pace jidher bħala direttur u għan-nom u in rappreżentanzza tas-soċjetà MIDC Limited.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Bil-preżenti ser tigi dciza l-eċċezzjoni ta’ res ġudikata fil-konfront tal-ewwel żewġ talbiet attriċi. Il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet “Francesco Aquilina vs. Neg. Giuseppe Gasan et,” (Appell Kummerċjali - 5 ta’ Novembru, 1934) irreteniet li “exceptio rei judicatae” għandha bħala fundament il-fatt ta’ l-interess pubbliku, u wkoll għaliex “interess rei pubblicae ut sit finis litiu.” Sentenza li għaddiet in ġudikat, jiġifieri li ma tistax tappella minnha, hi ritenuta li hi tajba u sewwa u tal-ħaqq – “res judicata pro veritate habetur” – jiġifieri l-fundament ta’ l-“actio” u ta’ l-“exceptio judicat” hija preskrizzjoni legali u għalhekk hija ta’ “strictissimae interpretationis.”

Kwindi biex din l-eċċezzjoni tal-kjamati fil-kawża tiġi milqugħa, jeħtieġ li jikkonkorru tlett elementi. Inoltre kif gia’ ntqal, l-eċċezzjoni tar-res ġudikata għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku. Dan jagħti ċertezza lid-drittijiet li jkunu gia’ ġew deċiżi, tevita l-possibilità ta’ deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilità li’ kwistjonijiet jibqgħu miftuħa ghal xejn.

Permezz tal-eċċezzjoni tar-res ġudikata jitwaqqfu azzjonjiet li altrimenti jinstemgħu u jigu decizi mill-Qorti. Inoltre tali eċċezzjoni għandha tingħata interpretazzjoni stretta u f’każ ta’ dubju, l-ġudikant għandu jiċħad l-eċċezzjoni. (Vide “Francesco Aquilina vs. Neg. Giuseppe

Gasan et,” gia citata. L-importanza tar-res ġudikata hija illi wara li kwistjoni li tkun ġiet definita ma tista ssir l-ebda proedura oħra li tattakka dik is-sentenza.

Gie stabbilit fis-sentenza fl-smijiet “Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et” deċiża fil-25 ta’ Settembru, 2003, li “tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċeezzjoni. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem kawża petendi). Illi għal dak li jirrigwarda l-element ta’ l-“eadem res” jingħad illi dan ifisser illi l-oġġett mitlub fit-talba l-ġdida hu identiku għat-talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza li għaddiet in ġudikat.” Hemm bzonn li hawnhekk jiġi speċifikat li gie diversi drabi deciz mill-qrati nostrani li ma hemmx għalfejn ikun hemm identita’ assoluta, izda hu bizzejjed li jkun hemm identita’ materjali.

Fid-dawl tal-premess issa ser jigi ezaminat jekk kienx hemm sentenza jew deċiżjoni preċedenti fuq il-kwistjoni ewlenija fil-presenti kawza. Jigi ribadit li l-eccezzjoni tar-res gudikata ma tirnexxiex jekk it-talba odjerna tirrigwarda mertu differenti minn dak li gia gie deciz bis-sentenza precedenti u fi proceduri ohra. F’dan ir-rigward il-kjamati in kawza eccipjenti ghamlu referenza ghall-imsemmija citazzjoni numru 1707/1993, fejn Massimiliano Marotone talab li jigi ddikjarat li hu azzjonista u proprjetarju ta’ 9212 isthma fis-socjeta’ Malta & Europe Hotels Ltd. Il-Qorti tal-Appell bis-sentenza taghha akkoljiet l-imsemmija talba ta’ Martone u b’hekk cahdet il-pretensjonijiet tal-atturi odjerni (konvenuti fil-proceduri l-ohra) rigwrdanti l-proprjeta’ ta’ l-istess azzjonijet.

Fil-kawża odjerna, fl-ewwel żewġ talbiet, li fil-konfront tagħhom qiegħda tiġi eċċepita ir-res ġudikata, qed jiġi mitlub li jigi ddikjarat minn din il-Qorti li s-socjeta’ attrici M.I.D.C. (kif rappresentata minn Cecil Pace) hi proprjeatrja tal-9223 ishma kollha ta’ hamsin lira kull wiehed (Lm50) fis-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited. Skond l-imsemmija socjeta’ attrici dawn l-ishma gew lilha trasferiti minn Dottor Antonio Ghidoli u Dottoressa Nada

delle Piane. L-istess socjeta' attrici qed titlob ukoll li dawn l-ishma jigu registrati fuq isimha.

Jidher ghalhekk li l-oggett ta' din il-kawza hu identiku ghal dak fl-imsemmija kawza precedenti, cioe' l-oggett fiz-zewg kawzi hu ishma fis-socjeta' Malta & Europe Hotels Limited, liema ishma kienu oriġinarjament jappartjenu lill-Antonio Ghidoli u Nada delle Piane.

Ghalhekk, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, fir-rigward tal-element tal-identita' tal-ħaġa, m'hemmx dubbju li kemm l-azzjoni tal-lum, kif ukoll il-proceduri precedenti jittrattaw dwar listess haga. Hu minnu li s-sentenza precedenti gie indikat bhala numru ta' ishma 9212 mentri fil-kawza in esami hemm indikat numru ta' ishma differenti cioe' 9223, pero' jirrizulta li l-ishma in kwestjoni fiz-zewg proceduri huma dawk li kienu gejjin mis-sidien precedenti l-imsemmija Ghidoli u Delle Piane. Ghalhekk ghandu jitqies li l-oggett fiz-zewg kawzi hu identiku.

Dejjem f'dan ir-rigward il-kjamat fil-kawża Martone jkompli jissottometti li l-imsemmija differenza fin-numru ta' ishma hi dovuta ghall-fatt li meta huwa akkwista dawn l-ishma, l-vendituri l-imsemmija Ghidoli u Delle Piane żammew għalihom ħdax-il ishma nominali fil-kumpanija.
Minhabba dan kollu jista jgi dikjarat li l-mertu tal-azzjoni attriċi llum hu l-istess mertu tal-kawza preċedenti gia' deciza u kwindi l-eccezzjoni tar-res gudikata ghandha titqies li tirnexxi fir-rigward biss ta' 9212 u mhux għal ħdax-il share rimanenti.

Fil-kawza "Cassar vs Zammit" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-10 ta' Dicembru, 1956, ġie deċiż:- "biex jista' jigi nvokat il-gudikat hemm bzonn l-identita' tal-oggett, din l-identita' ma hemmx bzonn tkun assoluta, basta li jkun hemm identita' fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jidhol bhala parti integrali tal-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni." Isegwi minn dan li l-atturi ma jistghux permezz tal-presenti kawza

jergghu jifthu t-trattazzjoni ta' l-istess punti li gja gew diskussi fl-imsemmija kawza gia’ deciza. M’hemmx dubju li l-mertu fiz-zewg proceduri hu l-istess u cioe’ min hu l-proprjetarju ta’ l-ishma in kwestjoni u mhux il-kwantita (vide ukoll "P.L. Roberto Tabone noe vs Joseph Cannataci" - Qorti Civili Prim' Awla, 6 ta' Marzu 1946).

Ghaldaqstant jirrizulta sufficjentement illi l-ishma mertu tal-kawża precedenti huma parti mill-ishma li dwarhom qed isiru l-presenti proceduri.

Kwantu ghat-tieni rekwizit cioe’ dak tal-eadem causa petendi cioe’ “the cause of the claim” ghandu jigi rimarkat li l-Profesur Caruana Galizia f’“Notes on Civil Law” jispjega illi l-“causa petendi” hija “the title on which the demand is based. Dan ir-rekwisit jirrelata ghat-titolu u ċioe’ l-fatt ġuridiku li fuqu d-dritt pretiż hu bbażat. Sabiex il-kundizzjoni ta’ l-“eadem causa petendi” tirnexxi, irid jiġi ppruvat li l-kawżali kontenuta fit-talba l-ġdida hi fondata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti li ġiet determinata b’sentenza li għaddiet in ġudikat.

Kwantu ghall-kaz in ezami, fil-kawża gia’ deċiża t-talba kienet għal dikjarazzjoni li l-attur f’dawk il-proceduri (Massimiliano Martone) kien il-propjetarju ta’ ammont ta’ ishma fis-socjeta’ in kwestjoni. It-trsferiment ta’ dawn l-ishma kien sar mit-titolari originali tal-istess ishma lill-istess Martone. Fil-fatt il-Qorti, li kienet imsejjha biex tiddeciedi l-imsemmija talba fil-proceduriprecedenti u gia’ decizi, ddikjarat illi l-imsemmi attur (Martone) hu l-uniku azzjonista proprjetarju tal-azzjonijiet in kwestjoni fis-soċjetà Malta and Europe Hotels Limited u inoltre ddecidiet li kull pretensjoni tal-konvenuti (f’dawk l-istess proceduri cioe’ l-atturi fil-presenti azzjoni) Pace rigwardanti l-proprjeta’ tal-istess azzjonijiet hi infondata għall-finijiet effetti kollha tal-liġi.

Ghaldaqstant jista jinghad li dak li gie deciz fil-kawza l-ohra iddefinixxa ukoll it-talba fil-kawża odjerna, stante li t-talba fil-kawża odjerna hija fondata fuq l-istess ratio

petendi. Kwindi jista facilment jinghad li l-element tal-eadem causa petendi hu ukoll sodisfatt.

Jibqa it-tielet rekwisit u cioe' l-element ta' l-"eadem personae." F'dan ir-rigward ġie ritenut mill-Qrati fis-sentenza bl-ismijiet "Innocenza Debattista et vs Giovanna Farrugia" deċiża fit-13 ta' Frar, 1958 li biex ikun hemm ġudikat, jeħtieġ li s-sentenza ta' qabel kienet ġiet maqtugħa f'kawża bejn l-istess persuni.

Il-partijiet fil-proceduri l-ohra (1707/93) kienu "Herbert Baldacchino bhala mandatarju ta' l-assenti Massimiliano Martone skond l-annessa prokura (Dok A) vs Cecil Pace u Henry Pace f'ismhom proprju u Cecil Pace bhala direttur u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' M.I.D.C.Ltd. u ghall-interess li jista' jkollu Emmanuel E. Bonello bhala Kontrollur tas-socjeta' Malta & Europe Hotels Ltd. in rappresentanza ta' l-istess." In effett il-partijiet fil-kawża odjerna huma l-istess u cioe' Cecil Pace u Henry Pace f'isimhom proprju u Cecil Pace bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' M.I.D.C. Limited bhala atturi u Emanuel A. Bonello f'ismu proprju u bhala Kontrollur u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Malta & Europe Hotels Limited u bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanza ta' GHE Limited minn naha l-ohra. Inoltre gie kkjamat f'dawn il-proceduri bl-imsemmija sentenza tas-7 ta' Ottubru 1996 Dottor Michele Martone.

It-talba ghal kjamata fil-kawza saret b'rikors tal-konvenut tal-11 ta' Gunju 1991 (fol.189). Skond il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ottubru 1991 il-konvenut li kif intqal talab il-kjamata fil-kawza ddikjara li ghandu mhux biss jigi kjamat fil-kawza Michele Martone izda anke ibnu Massimiliano Martone stante li l-istess Michele ttrasferixxa l-ishma in kwestjoni lil ibnu Massimiliano.

Jidher li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-7 ta' Ottubru 1996 bi zvista ordnat il-kjamata in kawza biss ta' Michele Martone u thalla barra ibnu Massimiliano Martone li jidher li hu issa t-titolari tal-ishma in kwestjoni.

In effett l-attur fl-ewwel kawża hu appuntu Massimiliano Martone issa t-titolari tal-ishma in kwestjoni f'dawn il-proceduri mentri l-konvenuti fl-istess proceduri precedenti huma l-istess atturi fil-kawża odjerna. Inoltre l-attur fl-ewwel kawża, Massimiliano Martone, hu bin il-kjamat fil-kawża odjern Michele Martone. L-istess Massimiliano Martone bi svista ma giex kjamat fil-kawza. L-istess Massimiliano Martone jigi ribadit hu issa t-titolari tal-ishma meritu ta' dawn il-proceduri. Għal kull buon fini jingħad illi l-kjamat fil-kawza ghandu jitqies li hu konvenut u dan kif ġie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Ellul Sullivan nomine vs Abela nomine" (1971).

Jigi ribadit li fil-kawza precedenti (1707/1993) Michele Martone ma kienx parti fil-proċeduri pero' f'dawk il-proceduri kien ġie deċiż li ibnu Massimilano Martone hu proprjetarju tal-ishma mertu ta' din il-kawża. Kif gia intqal Michele Martone kien ittrasferixxa l-shma lil ibnu Massimiliano Martone, li issa hu t-titolari tal-istess. Inolte fl-imsemmija procduri l-ohra kien ukoll parti l-konvenut odjern Emmanuel E. Bonello fl-imsemmija u fl-istes kapacitajiet.

Kwindi l-partijiet fil-presenti proceduri huma l-istess partijiet fl-imsemmija kawza precedenti u b'hekk l-element tal-identita tal-persuna ("eadem personae") hu ukoll sodisfatt.

L-eċċezzjoni tar-"res gudicata" kif sollevat mill-kjamati fil-kawża timmerita li tigi akkolta. In vista tal-akkoljiment tal-imsemmija eccezzjoni l-mertu ta' din il-kawża hu "res ġudicata" stante li l-kwistjoni ta' min hu t-titolari tal-azzjonijiet pretiżi mill-atturi gia' ġie deċiż u kkonfermat mill-appell fl-imsemmija kawża "Herbert Baldacchino nomine vs Cecil Pace et nomine" (Ċitazzjoni 1707/1993 deċiża fil-25 ta' Frar 2000). Ghalhekk il-meritu ta' dawn il-proceduri gie gia deciz bl-imsemmija sentenza l-ohra pero' biss kwantu jirrigwarda 9212 l-ishma u ghalhekk jibqa hdax (11) l-ishma bhala l-meritu ta' dawn il-proceduri. Kwindi l-mertu ta' dawn il-procerduri ghandu jitqies li hu ezawrit kwantu jirrigwarda 9212 ishma biss.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tilqa l-eccezzjoni tar-"res judicata" kif sollevata mill-kjamati fil-kawza pero' limitatament ghal 9212 tal-ishma in kwestjoni f'dawn il-proceduri.

Spejjez kollha kontra l-atturi propio et nomine.

Tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni u sabiex tigi assenjata lil din il-Qorti diversament presjeduta. Il-kawza qed tigi differita ghall-imsemmija ghanijiet "sine die" u qed tigi ordnata l-komunika ta' din is-sentenza lir-Registratur ta din il-Qorti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------